MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 514/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR SILVIO VALLETTA**

**VS**

**DENNIS BALDACCHINO;**
**MIGUEL PACE;**
**SEAN XUEREB**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Dennis Baldacchino ta’ 19-il sena, imwieled tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Frar, 1986, bin Vincent u Josephine nee’ Zammit, residenti fil-fond numru 20, Vince, Triq C Tridenti, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 88686 (M);

Miguel Pace ta’ 18-il sena, imwieled tal-Pieta’ nhar is-17 ta’ Settembru, 1986, bin Stephen u Marisa nee’ Farrugia,

residenti fil-fond numru 22, Miguane Valley, Triq il-Bosfru, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' numru 432686 (M);

U Sean Xuereb ta' 17-il sena, imwieled tal-Pieta' nhar it-30 ta' Mejju, 1987, bin Oliver u Maria Mariella nee' Curmi, residenti fil-fond Ziffa, Triq l-Uqija, Tal-Ibragg, St Andrews, detentur tal-karta tal-identita' numru 248787 (M)

Akkuzati talli nhar is-27 ta' Frar, 2005, wara nofsinhar, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn fond Rivendel, Triq il-Baltiku, San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u valur u li jaccedi l-elf lira maltin, u li sar ghad-detriment ta' Battistotti-Moore Penelope-Pearl;

U aktar talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi, xjentement laqghu ghadhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat li l-imputati ammettew l-akkuzi kontrihom fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, cioe' fl-istadju tal-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi;

Rat illi b'hekk il-Qorti giet ikkonvertita fil-kapacita' taghha ta' gudikatura kriminali, *ai termini* tal-Artikoli 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel wahda, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat l-Artikoli 261 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali netta tal-imputati;

Rat l-isqarrijiet tal-istess imputati, fejn dawn ammettew mal-ewwel u kkoperaw bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjoni ta' dan ir-reat;

Rat li l-imputati t-tlieta huma ta' eta' tenera hafna, u li kollha jigu minn familji stabbli.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, u *in vista'* tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti tordna li bhala piena l-imputati jinghataw *Probation Order* fil-massimu tieghu ghall-perjodu ta' tlitt (3) snin, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------